MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 416/2008

Kawza fil-lista: 28

**A B f'isimha proprju,**
**u bhala kuratrici 'ad litem' tal-minuri C B**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

Illi l-kontendenti ilhom mizzewgin tliet snin u ghandhom tifel minuri C B li dalwaqt jaghlaq tlett snin ;

Illi l-hajja taz-zwieg bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, theddid u nuqqas ta' hlas ta' manteniment minn naha ta' l-intimat u tinsab

awtorizzata tmexxi b' digriet tas-6 ta' Frar 2008 kif imgedded b' iehor tat-8 ta' Lulju 2008 – Dok. B ;

Ghaldaqshekk l-esponenti titlob bil-qima li din l-Onor. Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat ;

2. Tiffissa retta alimentari xierqa ghaliha u ghal binhom minuri C B ;

3. Tafda l-kura u l-kustodja ta' binhom minuri C B f' idejn l-esponenti ;

4. Twaqqaf il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn iz-zewg kontendenti, tillikwidaha, u taqsamha wara li jkunu komminati kontra l-intimat il-provvedimenti ta' l-Art. 48 u 51 tal-Kap. 16.

Bl-ispejjez kontra l-intimat imharrek minn issa in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha, il-konvenut, ghar-ragunijiet imputabbli lil dan ta' l-ahhar in bazi ghall-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-partijiet izzewwgu fit-28 ta’ Jannar 2005, u f’ dan iz-zwieg twieled it-tifel C li llum ghandu kwazi erba’ snin.

L-attrici spjegat li mill-bidu nett taz-zwieg il-konvenut, allura zewgha, kien jerfa’ jdejh fuqha, u li dan fuq bazi ripetuta u abitwali, kien rrenda nsapportabbli l-konvivenza matrimonjali bejniethom. Tghid ukoll li l-konvenut kellu l-vizzju tal-loghob u gieli anke laghab il-flus kollha tar-relief. Tghid li huwa ma kienx jahdem, u kien jiehu l-assistenza socjali, u kien ihalli lill-attrici u lil binhom nieqsin mill-flus. Tghid li huwa ma kienx jaghti kaz tat-tifel, lanqas wara s-separazzjoni de facto.

L-attrici tghid li ma kienx hemm akkwisti fiz-zwieg, u hi tghix bit-tifel ghand ommha. Kienet hi li dejjem hadet hsieb it-tifel minn mindu twieled, nonostante l-hajja konjugali difficli li kellha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici ghas-separazzjoni personali minn mal-konvenut hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, stante s-sevizzi fit-termini ta’ l-artikolu 40 kommessi mill-konvenut fil-konfront taghha; u ghalhekk din it-talba timmerita li tigi milqugha.

**Kura u Kustodja**

Illi ghandu jkun car u manifest li l-ahjar interessi tal-minuri jiddettaw li dan, li llum ghandu kwazi erba’ snin, jigi fdat esklussivament fil-kura u kustodja ta’ ommu l-attrici; bid-dritt ta’ access favur il-missier, li l-modalita’ tieghu jigi fissat wara talba ad hoc maghmula mill-istess konvenut.

**Manteniment**

Illi, il-konvenut bhala l-parti sokkombenti f’ din il-kawza, ghandu l-obbligu li jhallas manteniment lil martu l-attrici, ghaliha; kif ukoll, bhala missier it-tifel, ghandu dejjem l-obbligu li jhallas jew jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ ibnu sakemm dan jibqa’ minuri - izda din il-Qorti mhijiex fil-pozizzjoni li f’ dan il-gudizzju tistabilixxi l-quantum tal-manteniment, stante li ma ngabux provi f’ dan ir-rigward.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

Illi l-attrici tghid li ma hemmx assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, u li hi tghix ghand ommha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi :

[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut ;

[2] tilqa’ t-tieni talba limitatament billi tafferma d-dritt ta’ l-attrici li titlob minghand il-konvenut, manteniment ghaliha u ghal binha, kif fuq indikat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’ ; bir-rizerva li l-attrici tipprocedi ulterjorment sabiex jigi stabbilit l-ammont tal-manteniment dovut ;

[3] tilqa’ it-tielet talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’ ;

[4] tilqa’ r-raba talba limitatament billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tordna fil-konfront tal-konvenut l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 48 tal-Ka.16.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------